MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2008

Numru 366/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Jeffrey Cilia**
**V**

**ETIENNE CAMILLERI**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputat **ETIENNE CAMILLERI** ta' wiehed u tletin sena, bin Patrick u Mary nee Abela, imwieled l-Imtarfa nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Frar 1977 u joqghod 18, Triq Blackley, Pieta, detentur tal-karta tal-identita numru 104277M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli b'diversi atti maghmulin wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe:

1. Talli fl-erbatax t'April 2008, f'xi hin wara nofsinhar fil-Mosta, kkommetta serq ta' *tower crane cables* minn sit ta' kostruzzjoni fi Triq Frangisku Pisani, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn, tnejn u tletin Euro (€232) izda mhux l-elfejn, tlett mija u

disgha w ghoxrin Euro (€2329) u li sar ghad-detriment ta' Salvu Camilleri;

2. Talli fis-sittax t'April 2008, f'xi hin wara nofsinhar fl-Imsida, kkommetta serq ta' *tower crane cables* minn sit ta' kostruzzjoni fi Triq is-Sarg, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn, tnejn u tletin Euro (€232) izda mhux l-elfejn, tlett mija u disgha w ghoxrin Euro (€2329) u li sar ghad-detriment ta' Joseph Micallef u l-kumpanija Devlands Company Limited;

3. Talli f'xi hin bejn s-sittax w is-sbatax t'April 2008, f'Hal Qormi, kkommetta serq ta' *tower crane cables* minn sit ta' kostruzzjoni fi Triq il-Belt Valletta, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn, tnejn u tletin Euro (€232) izda mhux l-elfejn, tlett mija u disgha w ghoxrin Euro (€2329) u li sar ghad-detriment ta' Carmel Baldacchino;

4. Talli f'xi hin bejn s-sittax w is-sbatax t'April 2008, f'H'Attard, kkommetta serq ta' *tower crane cables* minn sit ta' kostruzzjoni fi Triq il-Mosta, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn, tnejn u tletin Euro (€232) izda mhux l-elfejn, tlett mija u disgha w ghoxrin Euro (€2329) u li sar ghad-detriment ta' Anthony Falzon w il-kumpanija Karen Construction Limited;

5. Talli f'xi hin bejn s-sbatax w it-tmintax t'April 2008, fis-Siggiewi, kkommetta serq ta' *tower crane cables* minn sit ta' kostruzzjoni fi Triq Santa Margerita, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn, tnejn u tletin Euro (€232) izda mhux l-elfejn, tlett mija u disgha w ghoxrin Euro (€2329) u li sar ghad-detriment ta' Mario Grima;

6. Talli f'xi hin bejn l-erbatax w t-tmintax t'April 2008, f'San Giljan, kkommetta serq ta' *tower crane cables* minn sit ta' kostruzzjoni fi Triq z-Zebbug, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn, tnejn u tletin Euro (€232) izda mhux l-elfejn, tlett mija u disgha w ghoxrin Euro (€2329) u li sar ghad-detriment ta' Jesmond Falzon;

7. Talli f'xi hin bejn t-tmintax w id-dsatax t'April 2008, fil-Gzira, kkommetta serq ta' *tower crane cables* minn sit ta' kostruzzjoni fi Triq Turu Rizzo, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn, tnejn u tletin Euro (€232) izda mhux l-elfejn, tlett mija u disgha w ghoxrin Euro (€2329) u li sar ghad-detriment ta' Miochel sive Michael Farrugia;

8. Talli f'xi hin bejn t-tmintax w id-dsatax t'April 2008, fil-Gzira, kkommetta serq ta' *tower crane cables* minn sit ta' kostruzzjoni fi Triq Sliema, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn, tnejn u tletin Euro (€232) izda mhux l-elfejn, tlett mija u disgha w ghoxrin Euro (€2329) u li sar ghad-detriment ta' Henry Zammit;

9. Talli f'xi hin bejn t-tmintax w id-dsatax t'April 2008, fil-Gzira, kkommetta serq ta' *tower crane cables* minn sit ta' kostruzzjoni fi Triq Nazju Ellul, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn, tnejn u tletin Euro (€232) izda mhux l-elfejn, tlett mija u disgha w ghoxrin Euro (€2329) u li sar ghad-detriment ta' George Borg;

10. Talli f'xi hin bejn t-tmintax u l-wiehed w ghoxrin t'April 2008, f'Tas Sliema, kkommetta serq ta' *tower crane cables* minn sit ta' kostruzzjoni fi Triq Manuel Dimech, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn, tnejn u tletin Euro (€232) izda mhux l-elfejn, tlett mija u disgha w ghoxrin Euro (€2329) u li sar ghad-detriment ta' Noel Camilleri;

11. Talli f'xi hin bejn l-wiehed w ghoxrin w it-tnejn w ghoxrin t'April 2008, f'San Pawl il-Bahar, kkommetta serq ta' *tower crane cables* minn sit ta' kostruzzjoni fi Triq Port Ruman, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn, tnejn u tletin Euro (€232) izda mhux l-elfejn, tlett mija u disgha w ghoxrin Euro (€2329) u li sar ghad-detriment ta' Vincent Zammut u persuni ohra;

12. Talli f'xi hin bejn l-wiehed w ghoxrin w it-tnejn w ghoxrin t'April 2008, f'San Pawl il-Bahar, kkommetta serq ta' *tower crane cables* minn sit ta' kostruzzjoni fi Triq Port Ruman, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn, tnejn u tletin Euro (€232) izda mhux l-elfejn, tlett mija u disgha w ghoxrin Euro (€2329) u li sar ghad-detriment ta' Martin Farrugia;
13. Talli f'xi hin bejn d-dsatax w il-wiehed w ghoxrin t'April 2008, fis-Siggiewi, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe dak ta' serq ta' *tower crane cables* minn sit ta' kostruzzjoni fi Triq Santa Margerita, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal ezekuzzjoni ta' dan d-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn, tnejn u tletin Euro (€232) izda mhux l-elfejn, tlett mija u disgha w ghoxrin Euro (€2329) u li sar ghad-detriment ta' Mario Grima;

14. Talli f'xi hin bejn d-dsatax w il-wiehed w ghoxrin t'April 2008, f'San Gwann, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe dak ta' serq ta' *tower crane cables* minn sit ta' kostruzzjoni fi Triq Bella Vista, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal ezekuzzjoni ta' dan d-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn, tnejn u tletin Euro (€232) izda mhux l-elfejn, tlett mija u disgha w ghoxrin Euro (€2329) u li sar ghad-detriment ta' George Borg;

15. Talli fl-istess zminijiet msemmija fl-akkuzi precedenti, lok u cirkostanzi, f'Malta, laqgha ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif wkoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

16. Talli fl-istess zminijiet, dati, lok u cirkostanzi, f'diversi lokalitajiet, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli f'diversi makkinarju gos-sit ta' kostruzzjoni hawn fuq imsemmija

liema hsara tiskorri l-mija u sittax l-Euro (€116) izda inqas minn l-elf mija hamsa w sittin Euro (€1165).

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-fedina penali tal-imputat esibta bhala Dok. A, l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat esibita bhala Dok. B w erbatax l-okkorrenza ‘n konnessjoni ma diversi serqiet li gew esibiti bhala Dok. CSH 1 sa CSH 14.

Semghet lil Prosekuzzjoni tiddikjara li m’irnexxilix tirkupra r-res furtiva u l-imputat qatt ma stqarr maghha x’ghamel biha ghalkemm ikkopera bis-shih maghha tul l-investigazzjoni kollha.

Semghet wkoll lil Prosekuzzjoni tiddikjara li tat l-hmistax (15) l-akkuza fil-konfront tal-imputat b’mod alternattiv ghal erbatax l-akkuza l-ohra.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-erbgha w ghoxrin t’April 2008, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu salv u b’eccezzjoni tal-hmistax l-akkuza, mill-liema akkuza qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri.

Ikkunsidrat:

Illi l-prosekuzzjoni ddikjarat li l-imputat ghandu problema akuta ta’ tehid ta’ droga u dan ma giex kontestat mill-istess imputat.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha, ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita w ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti thoss li ghandha taghti cans lil imputat sabiex jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta li wara kollox hu wkoll jaghmel parti minnha u dan ghaliex temmen li l-isforz tal-imputat li jibda program ta' rihabilitazzjoni, huwa wiehed genwin.

Rat l-fedina penali tal-imputat li ma hiex daqstant riflettarja salv ghal reat ta' pussess ta' droga Eroina li jirrisali ghas-sena 1997 meta gie moghti probation, kif wkoll xi reati ohrajn naxxenti mill-Ordinanza tat-Traffiku fejn l-imputat gie moghti multa.

**Il-Qorti** ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 18, 41, 261(c), 279(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat ETIENNE CAMILLERI hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu salv u b'eccezzjoni tal-hmistax l-akkuza li nghatat b'mod alternattiva mill-prosekuzzjoni, mill-liema akkuza qed tastjeni li tiehu konjizzjoni ulterjuri u tiddecidi li tikkundannah ghal tmintax [18] il-xahar prigunerija effettivi.**

**In oltre, il-Qorti qed taghmel r-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex tramite l-ghajnuna tieghu l-imputat jibda program sabiex jindirizza l-problema akuta li hu ghandu 'n konnessjoni m'abbuza tad-droga bil-ghan li l-imputat ghandu minnufih jintbaghat s-SATU sabiex jibda dan il-program direttament minn hemmhekk.**

**Il-Qorti tordna, wara li rat l-artikolu 403(1) tal-Kap 9, li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------